DEĊIŻJONI (UE) 2022/1312 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-20 ta' Lulju 2022

li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' sitta u għoxrin Imħallef fil-Qorti Ġenerali ser jiskadu fil-31 ta' Awwissu 2022. Jenħtieġ li jsiru ħatriet biex jimtlew dawk il-karigi għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2028.

(2) Ġie propost li l-mandati tas-Sur Ioannis DIMITRAKOPOULOS, is-Sur Gerhard HESSE u s-Sur Tihamér TÓTH bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jiġġeddu.

(3) Is-Sa Elisabeth TICHY-FISSLBERGER ġiet proposta għall-ewwel mandat tagħha bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali.

(4) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dawn il-kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin Imħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2028:

— Is-Sur Ioannis DIMITRAKOPOULOS,

— Is-Sur Gerhard HESSE,

— Is-Sa Elisabeth TICHY-FISSLBERGER,

— Is-Sur Tihamér TÓTH.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2022.

Il-President
E. HRDÁ